

Brussell, 2 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0074(NLE)

8657/21
ADD 1

ACP 40
FIN 353
PTOM 11
DEVGEN 90

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7493/21 - COM(2021) 150 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2016 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Intrapriżi (ĊŻI) - Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

li għandha tiġi rreġistrata fil-minuti tal-Coreper u tal-Kunsill

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni, u għaldaqstant tqis li l-bidliet fl-Artikolu 2 mhumiex xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim huwa att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, huwa l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."